KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14 Tlieta 10 ta' Marzu 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:12 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Joseph Gatt- Kunsillier

ASSENTI
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsillier Joseph Gatt. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 12 u Nru 13

REF: 12.3.8 Kommunikazzjoni – Website in Maltese and English

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kwotazzjoni ma tinkludiex it-traduzzjoni. Għalkemm ħafna mit-traduzjoni diġa lesta fuq is-sit, nistaw nibqaw ngħamlu it-traduzzjonijiet li fadal aħna. Il-Kunsillier Deguara aċċetta li jieħu ħsieb it-traduzzjonijiet.

Il-membri preżenti unanimament approva l-kwotazzjoni 1,696.25 Euro, u t-traduzjoni li jkun hemm bżonn issir mil-Kunsill.

**REF: 11.2.4 Bdil ta' isem ta' Sqaq San Anton Abbati numru 1**
Is-Sindku nfurmat li rċevejna *email* li ġiet aċċettata. Fadal it-toroq Ġanni Vella u Karlu Darmanin, fejn dik il-parti tat-triq li ġiet mibnija reċentament talbuna biex din il-parti tissemma għal Karlu Darmanin.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**REF: 12.3.10 Kommunikazzjoni - I Care System**
Is-Sindku nfurmat li ser nistaqsu għal kwotazzjoni oħra, fejn il-Kunsill ta' l-Isla ħareġ app simili ħafna ta' dik li l-Kunsill tal-Mosta jixtieq jagħmel.

**REF: 11.4.15 PAMA**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk għandniex xi *update* min naħa tal-PAMA. Is-Sindku nfurmat li s'issa ma smajna xejn, u ħa nerġaw nibgħatu nistaqsu, anke rigward it-*test* tas-saqaf tal-ġibjun peress li dan sar.

**REF: 12.4.3 Laqgħa Infrastructure Malta**
Il-Kunsillier Cassar nforma li fejn għaddej ix-xogħol fi triq San Silvestru, hemmhekk għanda titwesa t-triq fejn hemm il-ħajt tas-sejjieħ, pero' jidher li mhux ħa titwessa din it-triq mhix xogħol li jidher li qiegħed jsir. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li kien hemm PA *application* fi triq San Silvestru li fil-fehma tiegħu kienet viċin il-ħajt tas-sejjieħ li qed issemmi il-Viċi Sindku, fejn talab lil-Kunsill għal iktar informazzjoni, li għada ma waslitx. Hemm bżonn li l-Kunsill jara jekk hemx bżonn li l-Kunsill joġġezzjona jew le, għal dan l-iżvilupp.

Il-Viċi Sindku nforma li ir-rapreżentazzjoni ta' oġġezzjoni li kienet saret mil-Kunsill min żmien l-eks Sindku Shirley, kienet saret fuq il-PC *application* min wara ċ-ċimiterju, dik tibqa tasal sa fejn qed jgħid il-Kunsillier Cassar. Il-Viċi Sindku żied jgħid li l-*alignment* huwa mal-linja tal-villel u l-ħajt tas-sejjieħ ħa jitwessa. Il-Viċi Sindku nforma li kien attenda bord u rrimarkaw fuq xi noti tar-raprezentazzjoni li kienet saret mil-Kunsill, inbidlu l-pjanti u reġaw telaw bord u dik il-PC ġiet approvata.

Il-Kunsillier Cassar qal li xtaq jikkonferma li dik il-PA li hemm fl-istess triq go triq San Silvestru, jekk hux ħa timxi ma l-istess triq tal-PC 36/13 *application* jew mal-ħajt tas-sejjieħ li hemm illum.
Il-Viċi Sindku ħa jiċċekja u jibgħat *update* lil Kunsilliera fuq PC36/13 u PA465/20.

**REF: 12.4.12 Bye-law Ħamiem**
Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex wasal il-proċess biex ssir il-*bye law* tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tkellem lil avukat tal-Kunsill fuq din il *bye-law* u oħrajn.

**REF: 12.5.3 Approvazzjoni ta' Pjan ta' Ħidma 2020-2024**
Il-Kunsillier Cassar nforma lis-Sindku li jista jiltaqa' mas-Sindku fuq il-pjan ta' ħidma peress li kien msiefer.

Fis 6:27 daħlet għal-laqgħa il-Kunsilliera Angele Rapa.

REF: 11.3.7 Kommunikazzjoni – Diskussjoni re: Contracts Manager
Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku jekk għandhiex *update.* Is-Sindku nfurmat li għad ma kellhomx il-laqgħa tar-reġjun.
Il-Viċi Sindku nforma li bħalissa qed jmur hu mas Segretarju Eżekuttiv u diġa żgħaru xi erba postijiet.

Il-Kunsillier Cassar ressaq suġġeriment meta jkun hemm permessi ta' *skips* u *scaffoldings* biex ma jsirux waqt il-purċissjoni, għalkemm f'dawn iċ-ċirkustanzi jista jkun ma jsirux, anke fejn jidħol żbir ta' siġar, fejn lejliet il-purċissjoni il-Kunsillier Cassar nforma li jmur jdur u jiżbor partijiet fejn ir-residenti ma jkunux ħadu ħsieb jiżbru huma.

Il-Kunsillier Howard nforma li hemm żewġt id-djar viċin ta' xulxien dawn hemm bżonn jitneħħew għax jiffurmaw arkat għal nofs it-triq. Il-Kunsillier Cassar nforma li jmur kull sena jdurhom qabel il-purċissjoni.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li kien hemm kwistjoni is-sena li għaddiet fejn residenti ippretendew li jiżborlhom is-siġar il-Kunsill, u għalhekk hemm bżonn li tittieħed *stand* fuq dawn l-affarijiet. Anke fejn jidħlu *businesses,* hu xien hu, jiġi trasferiet fit-triq, bħal vetturi li qed jitħallew fit-triq meta jkunu għat-tiswijja.

REF: 12.5.2 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji 2020
Il-Kunsllier Deguara staqsa jekk fejn hemm imsemmi, *furniture fittings, office equipment u computer equipment,* jekk humiex għal uffiċini tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li iva.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħat numri 12 u 13.

Fis 6:38pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqraw *item* 14.5.1 Junction Upgrading minn IM ħdejn roundabout ta' ħdejn Premier Car Sales, u *item* 14.5.2 Junction Upgrading Independence Avenue ħdejn il-Kappella ta San Silvestru.

## 14.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 14.3.1 Ġnien Reġġie Cilia
Is-Sindku nfurmat li llum kellha laqgħa mal-Ministeru ta' l-Enerġija u Water Management, fejn talbuna biex ntuhom l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jieħdu f'idejhom u jirranġaw il-ġnien Reggie Cilia flimkien mal-Perit tal-Kunsill. Dan il-ġnien jkun kollu ECO.

Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li nsibu post ieħor, peress li hemm proġett maġġuri ta' madwar il-parkeġġ, u lanqas ħaqq jintefqu l-flus biex ftit wara jerġa jinqala'.

### 14.3.2 Two CCTV cameras sponsored by Regjun Tramuntana
Is-Sindku nfurmat li r-reġjun talbuna żewġ żoni biex jsiru żewġ CCTV Cameras moniterjati mir-reġjun. Dawn huma Pjazza 16 ta' Settembru u Triq iz-Zakak fejn ħanut Shop-In.
Id-Data Protection Officer ikkonferma li jridu jkunu bi *cloud* u mhux DVR *on-site.*

Il-Kunsillier Howard ssuġerixxa li ssir kamera fil parkeġġ tal-Pjazza peress li qed jkun hemm ħsarat fuq vetturi.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Fit 8:45 talbet biex tiġi skużata il-Kunsilliera Rapa għax kellha bżonn titlaq.

14.3.3 Pending Fiscal Receipts
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbgħatu ittri lil dawk l-għaqdiet li jonqsu mill jiprovdu rċevuti fiskali ta' servizzi li jitlobhom l-Kunsill. Jekk l-għaqdiet mhux ser jibgħatu rċevuti fiskali l-Kunsill mhux ser jibqa' jitlob l-ebda tip ta' servizz mingħand dawk l-għaqdiet li ma jipprovdux irċevuti.

14.3.4 Soċjeta Santa Marija
Is-Sindku nfurmat li Soċjeta Santa Marija lmentaw li l-Kunsill qed jaġevola lis-Soċjeta Filarmonika Nicolo Isouard billi talab iktar servizzi lilhom mill talab lil Soċjeta Santa Marija. Is-Sindku nfurmat li dan ma jistax jkun għax naqsmu bejniethom is-servizzi li jintalbu, u talbet lil Soċjeta Santa Marija biex jiprovdula d-dati ħalli tikkonferma.

Il-Soċjeta Santa Marija nfurmaw lis-Sindku li d-dati kienu;

- 24 ta' Diċembru 2019 (triq il-Bażilika), fejn is-Sindku nfurmat lil f'din il-ġurnata l-Soċjeta Santa Marija iprovdew servizz fejn l-Oratorju, għax ma ridux jkunu fit-triq.

- 9 ta' Frar 2020 kien hemm attività ta' Nanniet Malta, u s-Sindku nfurmat li din l-attivita ma saritx mil-Kunsill imma mil-għaqda Nanniet Malta, u l-Kunsill m'għandux jedd fuq din l-għaqda lil min tqabbad għas-servizzi għax din l-attivita ma saritx b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

- F'Marzu ħa ssir attività oħra fejn ġew mqabbdin biex jgħattu servizz lis-Soċjeta Filarmonika ta' Nicolo Isouard. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ħa jiċċekkjaw x'hemm, għax ma jidhirx li hemm attività li ħa ssir f'Marzu mil-Kunsill.

14.3.5 -Traffic Lights
Is-Sindku nfurmat li kienu saru d-dwal maz-*zebra crossing* fi Vjal Qalbiena Mostin. Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk nistawx nżidu d-dawl għax għadu mudlam. Is-Sindku nfurmat li triq mhux tagħna u diġà ressqet talba biex jiżdied id-dawl lil Transport Malta.

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk jistawx jsiru *belishia lights* ta' żewġ *żebra crossing*s oħra li hemm fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, biex tintalab kwotazzjoni u tiġi ċċirkulati mal-Kunsilliera għal-approvazzjoni.

14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri
14.4.1 Integrazzjoni Soċjali
Il-Kunsillier Deguara nforma li ħa ssir laqgħa fis 17 ta' Marzu dwar l-integrazzjoni soċjali.
Is-Sindku ssuġeriet biex joqgħodu attenti u jekk jistaw l-laqgħa jgħamluwa b'mod diġitali kif qiegħed diġà jsir min bosta dipartimenti u kumpaniji, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-COVID 19, jew tiġi posposta.

### 14.4.2 Skema Libreriji

Il-Kunsillier Rapa staqsiet jekk hux ħa nitilfu l-fondi minħabba ċ-ċirkustanzi li qed jiġru minħabba l-COVID 19. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Kunsilliera Rapa, biex tirrispondi lura l-istess *email* relatata mal-fondi, fejn tibgħat tiċċekkja għal-linja gwida u x'ser isir f'dawn iċ-ċirkustanzi. Is-Sindku nfurmat li bħalissa avvenimenti ta' gruppi mhux qed jsiru, u aħjar nżommu kawtela fejn jidħlu attivitajiet ta' gruppi.

### 14.4.3 Villa fiż-Żokkrija

Il-Kunsillier Zerafa nforma li hemm villa fiż-Żokkrija li ħa titwaqqa' u ħa tinbena blokka ta' appartamenti bi 22 garaxx, fejn il-katakombi ta' Bistra. Il-ġirien qed jagħmlu petizzjoni biex dan il-proġett jitwaqqaf għax din żona ta' villel. Dawn ir-residenti qed jitolbu lil Kunsill biex jagħmel oġġezzjoni wkoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret x'kien darba qal il-Kunsillier Cassar fejn ma jistax jkun li għal kull oġġezzjoni ta' żvilupp il-Kunsill jrid jirkeb l-istess dgħajsa. Affarijiet bħal dawn jimmeritaw diskussjoni, biex il-membri tal-Kunsill jiddeċiedu. Għalhekk talbet lil-Kunsillier Zerafa biex jibgħat *email* lil Kunsilliera u jressaq rapport bi spjegazzjoni ta' x'inhi l-oġġezzjoni tar-residenti, u fuq liema bażi qed tintalab l-oġġezzjoni mil-Kunsill. Il-Kunsillier Zerafa nforma li r-rapport ħa jibgħatu l-Kunsillier Cassar.

## 14.5 Rapporti

### 14.5.1 Junction Upgrading minn IM ħdejn roundabout ta' ħdejn Premier Car Sales

Il-Viċi Sindku beda billi tella viżwal tal-pjanti u ritratti (Appendiċi A) ta' Infrastructure Malta, u spjega l-proġett li qed jiproponu Infrastructure Malta biex jsiru tibdiliet.

Il-Viċi Sindku nforma li attenda laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv, dwar proposti ta' tibdiliet fir-*ring road* ta' Qali u tibdiliet tat-traffiku lejn u mit-toroq tal-Mosta. Wara ġiet ppreżentata pjanta ta' *junction upgrading* ħdejn ir-*roundabout* ta' ħdejn il-Premier Car Sales min Periti ta' Infrastructure Malta fejn spjegaw x-jinvolvi dan il-proġett u tibdiliet li qed jiġu proposti għal-kunsiderazjoni tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku min fuq il-pjanti u ritratti spjega li dan il-proġett jinvolvi li tiċkien u tersaq ir-*roundabout* ta' ħdejn il-Premier Car Sales, dan għaliex ħa jiżdiedu *lanes* oħra tat-traffiku, għas-sewwieqa biex ma jaslux sar-*roundabout* imma jgħażlu it-*traffic lane* min qabel, għal-dawk li jridu jmorru lejn triq il-Kostituzzjoni, triq id-Difiża Ċivili, triq ta' Żejfa u vjal Millbrae.

Il-Viċi Sindku żied jgħid li peress li ħa tiċkien ir-*roundabout,* Infrastructure Malta qed jippjanaw li din ir-*roundabout* tkun biss *landscaping*, u l-monument tal-Missjunarji Maltin jersaq 250 metru iktar l-fuq fi triq iż-Żejfa. Il-Viċi Sindku qal li nistaw ma naqblux bħala Kunsill imma jaqbel ma din il-proposta għax iktar jgħamel sens li jersaq dan il-monument fejn tal-Ġiżwiti, u ssuġġerixxa li jsir monument ieħor fuq ir-*roundabout* li jintgħażel mil-Kunsill, u li l-monument il-ġdid jkun tassew wieħed li jirrifletti il-lokalita tal-Mosta, bħal per eżempju monument ta' Grognet de Vasse jew xi ħaġa li tfakkar il-Bażilika.

Il-membri preżenti unanimament qablu ma dan il-proġett, pero' uħud mil-membri preżenti ma qablux li għandu jersaq il-monument tal-Missjunarji Maltin, u li dan għandu jibqa fejn hu llum. Kif wkoll iż-*zebra crossing* li qegħda pjanata fil-pjanta fi triq il-Kostituzzjoni, li qegħda wisq viċin il-fuq lejn ir-*roundabout,* u għalhekk ta' periklu għal min ħa jaqsam it-triq. Il-

Kunsillier Cassar nforma li fuq *email* ta' uffiċjal min Transport Malta tas-Sur Debono, is-suġġeriment tiegħu ta' *zebra crossings* għandhom jkunu 25 metru l-bogħod min kantuniera u 5 metri l-bogħod min garaxx. Issa jekk dawn ħa jsiru bil-*pedestrian lights* jkunu aċċettabli, pero' ta' triq Kostituzzjoni tersaq ma tistax l-anqas, għax ftit l-isfel hemm *zebra crossing* oħra.
Il-membri preżenti unanimament qablu li z-*żebra crossing* ta' triq Difiza Ċivili trid tersaq lura u tkun bil-*pedestrain lights*, u dak ta' triq Kostituzzjoni trid tkun bil-*pedestrain lights.*
Rigward il-monument Missjunarji Maltin ittieħed vot peress li ma kienx hemm qbil unanimu li dan il-monument jersaq fejn qed jiġi ssuġġeriet min Infrastructure Malta, li jersaq 250 metru iktar l-fuq fi triq iż-Żejfa.

| <u>Voti favur li jersaq il monument:</u> | <u>Voti kontra li jersaq il monument:</u> |
|---|---|
| Romilda Baldacchino Zarba | Keith Cassar |
| Christopher Grech | Francis Deguara |
| Rachel Abela | Angele Rapa |
| Shirley Abela | Aiken Zerafa |
| Mario Victor Camilleri | Mikhail MIcallef |
| Joseph Edward Howard | |

Wara li ttieħed il-vot il-Viċi Sindku qal li jekk Infrastructure Malta ma jaqblux li jsir monument ieħor magħżul mil-Kunsill, jaqbel mal-Kunsillier Cassar, li l-Kunsill ma jaċċettax li l-monument tal-Missjunarji Maltin jersaq, imma jibqa fejn qiegħed illum.

Fis-7:35 talab biex jiġi skużat il-Kunsillier Camilleri għax kellu bżonn jitlaq.

### 14.5.2 Junction Upgrading Independence Avenue ħdejn il-Kappella ta' San Silvestru

Il-Viċi Sindku beda billi tella viżwal tal-pjanti u ritratti (Appendiċi B) ta' Infrastructure Malta, u spjega il-proġett li qed jiproponu biex jsiru tibdiliet.

Il-Viċi Sindku nforma li attenda laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv, dwar proposti ta' tibdiliet fir-*ring road* ta' Qali u tibdiliet tat-traffiku lejn u mit-toroq tal-Mosta. Wara ġiet ppreżentata pjanta ta' *junction upgrading* Independence Avenue ħdejn il-kappella ta' San Silvestru min Periti ta' Infrastructure Malta fejn spjegaw x-jinvolvi dan il-proġett u tibdiliet li qed jiġu proposti għal-kunsiderazjoni tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku spjega li d-direzzjonijiet bħala proposti tat-*traffic flow* għamilhom is-sotto kumitat ta' *traffic management* mmexxi minnhu, li kien approva l-Kunsill f'waħda mil-laqgħat preċedenti biex jsir studju ta' *traffic management* mis-sotto kumitat, biex t-traffiku ta' triq il-Kungress Ewkaristiku jidħol il-ġewwa direzjoni lejn il-Bażilika, u probabilment Main Street trid tiġi direzzjoni l-fuq. Dan l-istudju għadu għaddej u għad irid jiġi preżentat lil-Kunsill, għalhekk din il-*junction* trid tiġi kkunsidrata f'dak il-għan jekk naslu hemm.

Il-Viċi Sindku wera pjanti u ritratti tat-*traffic flow* kif inhu bħalissa u kif qed jiġi propost, ta' triq il-Kbira, vjal l-Indipendenza, triq il-Ġnejna, triq Ċelju Tonna, triq it-Torri, triq San Silvestru triq l-Isperanza, triq Grognet, u triq il-Mitħna l-Qadima. Il-Viċi Sindku nforma lil membri preżenti li l-proġett li l-Kunsill jrid jiddiskuti u jgħati *feedback*, hija l-parti fejn il-*junction* ta' San Silvestru. Spjega li l-*junction* fejn San Silvestru l-iskop huwa li fejn hemm iż-żona residenzjali tingħaqad mal-kappella, jsir zuntier ikbar, u jiżdied il-parkeġġ.

Il-proposta ta' Infrastructure Malta hija li triq Antonio Miruzzi, il-parti fejn ħa jinbena kollu, din ħa tingħaqad ma triq Durumblat, allura din timerita li ssir *junction.* Il-ħsieb tal-parti fejn hemm il-kappella ta' San Silvestru huwa li jsir *traffic calming measure* biex l-vetturi jnaqqsu mil-ispeed, qed tiġi kreata *lane* oħra fuq ġewwa direzzjoni lejn Valletta Road, żewġ *lanes* direzzjoni lejn triq il-Kbira, bankijiet fuq iż-żuntier tal-kapella u ħa jiżdied parkeġġ fejn uħud ħa jkunu parkeġġ *front-to-curb,* u uħud *side-to-curb.*

Is-Sindku staqsiet jekk hux ser isiru bankini fejn hemm il-parti ta' l-għelieqi, u l-Viċi nforma li l-parti fejn hemm l-għelieqi hija l-parti fejn ġej il-bini PC35/13. Is-Sindku staqsiet jekk hux ħa jsiru bankini iktar l-fuq, fejn Testaferrata. Il-Viċi Sindku nforma li diġa kien hemm tentattiv fil passat, fejn il-Kunsill twaqqaf milli jgħamel l-bankina għax persuna qal li huwa s-sid.

Il-Viċi wera l-pjanta lil membri preżenti li l-proposta li timmerita diskussjoni hija l-parti fejn il-kapella ta' San Silvestru fejn ser isir *landscaping* u bankijiet bħala rekreazzjoni għal-pubbliku. Is-Sindku staqsiet jekk hux ser jintilfu parkeġġi, u l-Viċi nforma li le, u li dawn ser jiżdiedu.

Il-Kunsillier Howard nforma li faċċata ma jistawx jsiru parkeġġi għax hemm il-garaxijiet. Il-Viċi nforma li fejn fuq il-pjanta jidher li hemm il-vetturi u garaxxijiet, dawn huma eżistenti u kollox ħa jibqa kif inhu. Il-Kunsillier Howard nforma li hemm problema ta' parkeġġ diġà, u diġà hemm abbuż ta' *dealer.* Il-Viċi nforma li ħadd ma jista jipparkja vetturi mingħajr in-*number plate,* u għalhekk imbagħad jidħol l-infurzar.

Il-Kunsillier Cassar ġibet l-attenzjoni li fuq il-pjanta fejn hemm il-parkeġġ, il-vetturi jidhru li huma ta' qisien differenti. Il-Viċi nforma li l qisien tal-parkeġġi qegħdin 4.8 x 2.4 li huma *standard.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Viċi li qisien ta' parkeġġi skond Transport Malta huma 5 x 2 ma ġenb bankini, u 5 x 2.5 għal parkeġġi *front to curb.* Is-Sindku staqsiet li meta ssir il-pjanta bid-direzzjoni tat-traffiku qed tara li t-traffiku diġà dar? Il-Viċi nforma li tista ssir bid-direzzjoni l-barra.

Il-Kunsilliera Rapa staqsiet li jista jkun hemm min jidħol fil-*lane* ta' ġewwa biex jaqbeż it-traffiku, u għalhekk hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Il-Viċi nforma li hemm *stop sign* fil-*lane* ta' ġewwa li mbagħad tingħaqad ma ta' barra. Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk tistax titwessa.
Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li ż-żona ta' rekreazzjoni f'triq maġġuri li hija arterjali, hija ssuġġerita jew le? Il-Viċi nforma li jista jiġi kkunsidrat li jitneħħa parti miż-żona rikreattiva u l-parkeġġ jersaq kif ssuġġerixxa l-Kunsillier Howard, pero' x'ser isir fil-parti fejn diġà hemm parkeġġ ta' *one lane?*

Is-Sindku nterveniet u nfurmat li l-*main feature* ta' kif inhi, hija li l-kappella ma tibqax *roundabout.* L-*issue* taż-żona ta' rekreazzjoni, is-Sindku ressqet id-dubji tagħha kemm hija tajba għax qegħda pjanata ġo triq arterjali. Għalhekk, għalkemm taqbel li ssir żona ta' rekreazzjoni, f'din il-parti ssuġġeriet li minflok jiddaħħlu parkeġġi.
Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk allura tistax titneħħa il-*lane* ta' ġewwa fejn jidhru vetturi pparkjati *front to curb.* Il-Viċi nforma li l-*lane* ta' ġewwa ma tistax titneħħa għax il-vetturi jispiċċaw joħorġu b'lura ġo triq arterjali.

Il-Kunsillier Cassar qal jekk hemmx qbil li din il-pjanta ġiet mressqa bil-proposti ta' Infrastructure Malta. Il-Viċi Sindku nforma li kellhu laqgħa waħda ma Infrastructure Malta fejn ippreżentawlu l-pjanti, u nforma lil membri preżenti li kull ma ssuġerixxa huwa li ssir żona

ta' rekreazzjoni flok parkeġġ mal-kappella.  Il-Viċi Sindku żied jgħid li l-Kunsill jista jiddeċiedi li jressaq jew idawwar il-parkeġġi li qed jiġu proposti.

Il-Kunsillier Howard min fuq il-pjanta wera żona li fil-futur hemm ċans li tinbena u jkun hemm il-garaxxijiet, mela l-*lanes* ħa jitilqu, għalhekk sġjega ta' kieku kif għandhom jsiru l-parkeġġi u l-Viċi qabel li tista ssir, pero' irid jiġi kkunsidrat li s-*service road* qegħda pjanata 'apposta biex ma tkunx parti mit-triq arterjali.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk tridx tittieħed deċiżjoni 'illum, għax din timerrita 'iktar diskussjoni, fejn il-Viċi fil-laqgħa li jmiss jkollu ma Infrastructure Malta  jkun jista jressaq id-domandi tal-Kunsill biex jkollna r-risposti.

Is-suġġerimenti li ressqu l-Kunsilliera għal-Infrastructure Malta:
- *Speed moderator* fis-*service road.*
- Service road tkun pavimentar flok tarmac
- Jiżdied il-parkeġġ maz-zuntier.

Fis 8:35 talab biex jiġi skużat il-Kunsillier Cassar għax kellhu bżonn jitlaq.

Il-Viċi Sindku ħa nota biex jressaq id-domandi li ressaq l-Kunsill lil Infrastructure Malta.

Fis 8:40 talab biex jiġi skużat il-Viċi Sindku għax kellu bżonn jitlaq.

### 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

#### 14.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 101.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 12 ta' Frar sal-10 ta' Marzu 2020.

#### 12.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

#### 12.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

#### 12.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta  Frar 2020.    Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

12.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-7 ta' April 2020.

Konfermati llum 10 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |